# KUNSILL LOKALI NADUR

## MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Nadur**

## GĦAXAR (10) LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru Tlieta u Għoxrin (23)

## 18 ta' Diċembru 2025

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur iltaqa' fis-sala tal-Kunsill f-4:00pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Kevin Curmi | Viċi Sindku |
| Dr. Rebecca Vella | Kunsilliera |
| Jean Paul Portelli | Kunsillier |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Sue Ellen Buġeja | Segretarju Eżekuttiv |

**SKUZATI:-**

| | |
|---|---|
| Eucharist Camilleri | Kunsillier |
| Elisa Buttigieg | L-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

Il-laqgħa bdiet b'talba.

**23.1. Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.**

L-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ Elisa Buttigieg u l-Kunsillier Eucharist Camillieri ġew skuzati.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**23.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti u Skeda tal-Pagamenti**

Il-Minuti tat-tnejn u għoxrin il-laqgħa (22) l-Erbgħa 26 ta' Novembru 2025 ġew approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokumenti uffiċjali. Dawn kienu ntbgħatu lil Kunsilliera bil-quddiem għall-kunsiderazzjoni tagħhom. Filwaqt li dawn ġew approvati unanimament, l-iskeda tal-pagamenti numru 22 ġiet iffirmata. Din ġiet iffirmata mis-Sindku, Segretraju Eżekuttiv, Proponent- Kevin Curmi u Sekondant- Jean Paul Portelli.

Kien hemm xi kontijiet li daħlu fl-aħħar ġurnata, u dawn ġew spjeġati lil Kunsilliera u aċċettati sabiex jidħlu fl-iskeda. Kien hemm qbil dwar l-iskeda tal-paġamenti.

**23.3. Informazzjoni dwar sitwazzjoni finanzjarja**

Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv taw update fuq l-aħħar żviluppi dwar is-sitwazzjoni finanzjarja u l-kontijiet il-bank.

Ġiet approvata Skema SPI/SCI/07/2025- Komunitajiet aktar b'saħħithom għal-proġett tad-Duru Belveder minn fondi DLG.

Irid isir il-ħlas lil Centru Parrokjali u lis-Soċjeta Filarmonika tal-Banda fuq il-fondi tal-EU Rejuvenating Nadur for young generations.

Kien hemm il-qbil fuq il-pagamenti ta' Richard Cauchi tax-xogħol li sar fil-Pjazzetta Dun Martin Camilleri.

Kien hemm qbil li jingħata l-performance appraisal lis-Segretarju Eżekuttiv bl-ammont ta' 10% u jintbgħat rapport DLG għal l-approvazzjoni tal-parti l-oħra.

Kien hemm qbil li jingħata 10% lil impjegati li jaħdmu fl-uffiċċju -Council Assistant fi skala 16 u Office Administrator skala 12 (fuq skala 12 nistennew risposta minn naħa tad-DLG fuq

klarifikazzjoni tal-collective agreement ta' l-iskrivani rigward regolamenti ta' performance waqt il-maternity VL)

Kien hemm qbil li jingħata 6% lil Tradesman skala 14 u Supervisor skala16.

Kien hemm qbil li jingħata Full performance bonus lil ħaddiema kollha tal-CWS.

**23.4. Komunikazzjoni mis-Sindku, mistoqsijiet u żviluppi mil-Kunsilliera;**

Pendenti minn dak mitlub:

***Sar xogħol mit-talbiet ta' kull kunsillier matul l-aħħar xahar.***

**Is-Sena 2025**

Is-Sindku innota li s-sena 2025 kienet waħda li ġabet sfidi kbar u tgħallimna ħafna. Kien hemm ħafna għaqda u ħidma bla nifs. L-attivitajiet ma waqfux fostom il-Karnival, il-wirja Agrarja, Halloween, delegazzjoni tac-Charter fostna, safra ġewwa Cicciano b'delegazzjoni li kollha kienu ta' suċċess. Rigward skema kompla jgħid li ġibna aktar fondi għal proġetti. Konna aktar effettivi bil-mod kif operajna u norganizzaw aktar b'dak li tgħallimna. Kien hemm aktar delega ma' Kunsilliera u l-voluniera.

Kevin Curmi- Qal li kienet sena ta' ħafna sfidi u ħafna xogħol. Kien hemm il-Compliance ukoll u kullhadd għen kif setgħa. Tkellem ukoll fuq l-attivitajiet u Skemi fosthom 10K Run li kienet organizzata tajba ħafna.

Avv. Rebecca Vella- Qaletli kienet sena tqila ħafna u konna nafu bi sfidi. Kullhadd ħadem ma' xulxin u minkejja dan kollu xorta l-attivitajiet tjiebu u bqajna ngħatu lin-nies u żidna.

Jean Paul Portelli- Qal li meta jkun hemm problemi f'attivitajiet xorta naħdmu ma' xulxin bhal eżempju l-kaz tal-wirja Agrarja minħabba l-mard ma stajnix indaħħlu ċertu annimali. Hu kompla jgħid li anke l-Karnival kien hemm problemi imma issa aħna *aware* tagħhom.

- Sindku:- Titranga parti minn rampa fi Triq Bingemma, maintenance fil-Gazebo tal-Ħali u zbir tal-palm.
- Viċi Sindku :- ħajt tas-sejjieħ fi Triq ir-Ramla l-Qadima, tabelli ta' speed limits fi Triq tad-Duru, tinbidel siġra fil-Pjazza, tabella Daħlet Qorrot mooring.
- Avv.Rebecca Vella :- Ma hemm xejn pendent.
- Eucharist Camilleri :-Mera fi Triq it-Tigrija u Qtugħ tal-bajtar fi Triq San Gakbu.
- Jean Paul Portelli :- Rampa f'Wied Bingemma u Rampa biex titranga fi Triq Wied Bingemma.

**Updates mill-Kunsilliera:**

**Sindku:**

- Is-Sindku pprovda l-aħħar zviluppi dwar it-Torri ta' Kenuna. Ser isir site visit.
- Drenaġġ San Blas- Ser isir laqgħa.
- Is-Sindku ta update fuq Triq Xandriku- Tarmak lest u ser napplikaw għal road markings ma' TM.
- Triq it-Tigrija ser ikellmuna biex jibdew il-meetings.
- Is-Sindku ta update fuq Triq L-Emigranti – qed  nistennew kuntrattur min naħa ta' MGP. Enemalta ser jirrangaw il-ħofor.
- Latrina l-ġdida ta' San Blas- Il-bini lest u ser jibda l-irfinar. It-talba ta' l-estensjoni ġiet aċċettata. Rigward attendant qed naraw ukoll.
- Town Twinning EU funded u qed jiġi finalizzat program u ser isir laqgħa għal parteċipanti wara l-festi tal-Milied.
- Applikazzjoni tal-Ġebel l-Aħmar-LESA

**Kevin Curmi:**

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

- Kien hemm qbil bejn il-membri kolllha li jiġi iffirmat il-Kuntratt ta’ G7 għal Karnival Spontanju. Il-Kunsilliera Avv Rebecca Vella ser tagħmel xi ammendi fih qabel.
- Tpoġġa l-filmati ta’ Charter fuq FB.
- Ħarġet l-applikazzjoni ta’ Interess fuq il-Karijiet tal-Karnival Spontanju.
- MGP lista tat-toroq biex isiru- għadna inriedu nibgħatu bil-google maps.
- Laqgħa ma’ SEM f’Jannar minħabba fondi għal Town twinning.

**Rebecca Vella:-**

- Proposta lesta minħabba Junction tad-Duru c/w St Koronatu. Is-Sindku ser jara fuq il-post qabel ngħaddu fil-laqgħa.

**Jean Paul Portelli:**

- Shield ġdida għal kompetizzjoni tal-Kompetizzjoni tal-Presepji.

**23.5. Korrispondenza**

Talba għal area ta’ chicken farming u jintuża l-organic waste hemm stess. Kien hemm qbil ta’ kollaborazzjoni fuq dan il-proġett.

Kwistjoni fuq il-yellow lines temporarji fi Triq Duru. Ser imur il-Kunsillier Eucharist Camilleri fuq is-sit jitkellem mar-resident li għamel ilment fuqhom. Dawn kienu saru bl-approvazzjoni ta’ TM minħabba li hemm periklu in-naħa l-oħra bi stat tat-Triq.

**23.6 Offerti Pubblici.**

Ser nibdew naħdmu fuq ħrug tal-offerti tal-Ħali – dawl u rubber, L-offerta tar-restawr tal-Monument ta’ Ġnien il-Kunsill u sqaq Pjazza Dun Martin Camilleri. Il-Kunsilliera ser ikunu jassistu f’dawn il-proġetti.

IFFIRMATA<br>Edward Said<br>Sindku

IFFIRMATA<br>Sue-Ellen Bugeja<br>Segretarja Ezekuttiva

## KUNSILL LOKALI NADUR

**23.7. Progetti u skemi:**

**Fondi LESA ġodda-** Ser jiġi applikat il-Proġett tal-Gebel l-Aħmar.

**Skema LESA (Latrina San Blas)** u fondi DPF– Is-Sindku ta update fuq il-Latrina ta' San Blas u l-varations għas-servizzi.

**Triq ir-Ramla** – Ser nibdew pjan għat-tieni kisja.

**SPI/SCI/02/2024-Finanzjament-Komunijiet aktar b'saħħithom u inklussivi** (għal equipment fil-playing field tal-Ħali) – Ix-xogħol pjanat li jsir sa l-aħħar ta' Jannar.

**Proġett Pjazza** – ser nistennew stimi u l-pjanijiet.

**SPI.SCI.06.2025**- **Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali (tal-Ħali)**- Qed naħdmu fuq l-offerta.

**SPI.SCI.07.25- Finanzjament Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' kwalita'**(Tad-Duru). Qed naħdmu fuq l-offerta.

**23.8. Attivitajiet, Inizzjattivi u Ħidma Soċjali:**

**Nadur 10K** – Kien hemm diskussjoni fit-tul u kien hemm qbil bejn kullhadd li l-attivita' kienet ta' success.

**Milied –** L-attivita kienet ta' suċċess kbir.

**Jum il-Kunsill-** L-attivitajiet kollha marbuta ma Jum il-Kunsill kienu ta' success u anke l-Ġieħ in-Nadur. Kien hemm diskussjoni fit-tul ta' suġġerimenti ta' kif tista tinbiddel l-attivita ta' Ġieħ in-Nadur is-sena d-dieħla.

**Karnival 2026**- Ġie diskuss l-programm tal-Karnival Organizzat, l-applikazzjonijiet tal-Karnival spontanju online, Ġie applikat stages u il-poster lest.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

## KUNSILL LOKALI NADUR

Dramm 2026-

23.9. **Materji oħra:**

Kien hemm qbil li jiġi imġedded il-VL pendenti tal-ħaddiema tal-Kunsill.

**23.10.Rikjesti u Talbiet mill-Pubbliku**

**22.10.1. Rikjesti mis-Sindku Edward Said:- -**

- Talba għal Bozza biex titranga fil-Belvedere DC Cocco Palmeri.
- Talba għal yellow lines fi Triq Xjuf ir-Riħ.
- Talba għal yellow lines fi Triq it-Tramunata ma' garage.
- Talba għal sement ma bankina fi Triq Wied ir-Riħan.

**23.10.2.Rikjesti mingħand il-Viċi Sindku Kevin Curmi:-**

- Talba biex titranga bankina fi Triq Lazzru Pisani.
- Talba biex isir patching fil-ħofor ta' Triq San Blas.

**23.10.4. Rikjesti mingħand il-Kunsillier Jean Paul Portelli**

- Ħajt ta' Xħajma qed jaqa'

**23.10.5. Rikjesti mingħand il-Kunsilliera Dr. Rebecca Vella**

- Talba biex il-community police jiltaqa' ma' l-anzjani tad-Day Centre.

**23.11 Tmiem tal-laqgħa.**

Il-laqgħa spiċċat fis 7:00pm. Laqgħa li jmiss ser tiġi diskussa data l quddiem.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**KUNSILL LOKALI NADUR**

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |